SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

22 ta' Marzu 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi ta' ħlas – Direttiva 2007/64/KE – Artikolu 3(e) u (o) – Il-punt 3 tal-Artikolu 4 – Anness – Punt 2 – Kamp ta' applikazzjoni – Operat ta' distributuri multifunzjonali li jippermettu l-irtirar ta' flus kontanti fis-swali tal-logħob tal-ażżard – Koerenza tal-prattika repressiva tal-awtoritajiet nazzjonali – Konfiska tas-somom miksuba permezz ta' attività illegali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 17"

Fil-Kawża C-568/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Nürtingen (il-Qorti Distrettwali ta' Nürtingen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Novembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Novembru 2016, fil-proċedura kriminali kontra

Faiz Rasool,

fil-preżenza ta':

Rasool Entertainment GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça (Relatur), President tal-Awla, E. Levits, A. Borg Barthet, M. Berger u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal F. Rasool, minn S. Kauder u R. Steiner u R. Karpenstein, Rechtsanwälte,

– għal Rasool Entertainment GmbH, minn S. Keck, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck u R. Verbeke u J. Van den Bon, advocaten,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Scharf u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(e) u (o) u tal-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1), moqrija flimkien mal-punt 2 tal-Anness tagħha, kif ukoll tal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali miġjuba kontra Faiz Rasool, bħala amministratur ta' Rasool Entertainment GmbH (iktar 'il quddiem "RE"), minħabba l-installazzjoni, fis-swali tal-logħob operati minn din il-kumpannija, tad-distributuri multifunzjonali li jippermettu l-irtirar ta' flus kontanti, mingħajr l-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' ħlas prevista mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża li tittrasponi d-Direttiva 2007/64.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Id-Direttiva 2007/64 tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlamemt Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2015, dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015, L 337, p. 35), b'effet mit-13 ta' Jannar 2018. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jsir riferiment għad-Direttiva 2007/64.Il-premessi 6, 20, 22, 26, 36 u 54 tad-Direttiva 2007/64 jipprovdu:

"(6) […] mhux xieraq li dak il-qafas legali jkun jinkludi kollox. L-applikazzjoni tiegħu għandha tkun limitata għal fornituri tas-servizz ta' ħlas li l-attività ewlenija tagħhom tikkonsisti fil-forniment ta' servizzi ta' ħlas lil utenti ta' servizzi ta' ħlas. Lanqas ma huwa xieraq li japplika għal servizzi fejn it-trasferiment tal-fondi minn min iħallas għal min jitħallas, jew it-trasport tagħhom, isir biss f'karti tal-flus u muniti jew fejn it-trasferiment ikun ibbażat fuq ċekkstampat,, kambjali stampati, promissory notes jew strumenti oħra, vouchers stampati jew kards li permezz tagħhom fornitur ta' servizzi ta' ħlas jew xi parti oħra bil-ħsieb li jitqiegħdu fondi għad-dispożizzjoni ta' min jitħallas. […]

[…]

(20) Peress li l-konsumaturi u l-impriżi mhumiex fl-istess pożizzjoni, m'għandhomx bżonn l-istess livell ta' protezzjoni. Waqt li huwa importanti li d-drittijiet tal-konsumatur ikunu garantiti b'dispożizzjonijiet li ma jistax ikun hemm deroga minnhom b'kuntratt, huwa raġonevoli li l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet jitħallew jiftiehmu mod ieħor. […]

[…]

(22) Il-konsumaturi għandhom ikunu protetti kontra prattiċi inġusti u qarrieqa f'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar il-prattika kummerċjali inġusta min-negozju għall-konsumatur fis-Suq Intern [(ĠU 2005 L 149,

p. 22)], kif ukoll id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, b'mod partikolari il-kummerċ eletroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku) [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399)], u d-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321), rettifika (ĠU 2013, L 228, p. 14), kif emendata bid-Direttiva 2005/29] […]

[…]

(26) Din id-Direttiva għandha tipprovdi d-dritt tal-konsumatur li jirċievi informazzjoni rilevanti mingħajr ħlas qabel ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt ta' servizzi ta' ħlas. Il-konsumatur għandu wkoll ikun jista' jitlob informazzjoni minn qabel kif ukoll kuntratt qafas bil-miktub, mingħajr ħlas fi kwalunkwe ħin waqt ir-relazzjoni kuntrattwali, sabiex ikun jista' jqabbel is-servizzi u l-kundizzjonijiet tal-forniturі ta' servizzi ta' ħlas u f'każ ta' kwalunkwe tilwima jista' jivverifika d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tiegħu. […]

[…]

(36) Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi r-regoli għal ħlas lura sabiex il-konsumatur jiġi protett meta t-transazzjoni ta' ħlas imwettqa teċċedi l-ammont li seta' raġonevolment ikun mistenni. […]

[…]

(54) Peress li hu meħtieġ li l-funzjonament effiċjenti ta' din id-Direttiva jiġi rivedut u biex ikun monitorjat il-progress lejn l-istabbiliment ta' suq uniku tal-ħlas, il-Kummissjoni għandha tkun rikjesta tħejji rapport tlett snin wara l-għeluq tal-perijodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Fir-rigward ta' l-integrazzjoni globali tas-servizzi finanzjarji u protezzjoni armonizzata tal-konsumatur ukoll […] il-punti fokali tar-reviżjoni għandhom ikunu l-bżonn possibbli li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward ta' valuti li mhumiex ta' l-UE […]"

4 Skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli li skondhom l-Istati Membri għandhom jiddistingwu s-sitt kategoriji li ġejjin ta' fornitur ta' servizzi ta' ħlas:

[…]

(d) istituzzjonijiet tal-ħlas fis-sens ta' din id-Direttiva;

[…]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva kien jipprovdi, fil-punti (e) u (o) tiegħu rispettivament, li din la kienet tapplika għas-"servizzi fejn il-flus kontanti huma fornuti minn min jitħallas lil min iħallas bħala parti minn transazzjoni ta' ħlas, wara li tkun saret talba espliċita mill-utent ta' servizzi ta' ħlas eżatt qabel l-eżekuzzjoni tat-transazzjoni ta' ħlas permezz tal-ħlas għax-xiri ta' merkanzija jew servizzi" u lanqas għas-"servizzi minn fornituri biex jingħibed flus kontanti permezz ta' automated teller machines (ATM) li jaġixxu f'isem emittent wieħed jew aktar ta' kards, li mhumiex parti għall-kuntratt qafas[…] mal-klijent li jkun qed jiġbed il-flus minn kont tal-ħlas, bil-kondizzjoni li dawn il-forniturі ma jwettqux servizzi ta' ħlas oħra kif elenkat fl-Anness".

6 Il-punt 3 tal-Artikolu 4 tal-istess direttiva kien jispeċifika li, għall-finijiet tagħha, il-frażi "servizzi ta' ħlas" tfisser "kwalunkwe mill-attivitajiet ta' negozju kif elenkati fl-Anness" tagħha.

7 Skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2007/64, "istituzzjonijiet [stabbiliment] ta' ħlas" huwa "persuna ġuridika li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 10 biex tipprovdi u twettaq servizzi ta' ħlas [fl-Unjoni] kollha".

8 L-Artikolu 4(14) ta' din id-direttiva kien jipprevedi li "kont tal-ħlas" huwa "kont miżmum f'isem utent wieħed jew aktar ta' servizzi ta' ħlas li jintuża għall-eżekuzzjoni ta' transazzjonjiet ta' ħlas".

9 Skont l-Artikolu 10(1) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jeżiġu mill-istabbilimenti tal-ħlas li għandhom l-intenzjoni jipprovdu servizzi ta' ħlas li jiksbu awtorizzazzjoni bħala stabbiliment ta' ħlas qabel ma jibdew jipprovdu servizzi ta' ħlas.

10 Il-punt 2 tal-Anness tad-Direttiva 2007/64 kien jikklassifika bħala "servizzi ta' ħlas" b'mod partikolari s-servizzi "li jippermettu ġbid ta' flus kontanti minn kont tal-ħlas kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għat-tħaddim ta' kont tal-ħlas".

Id-dritt Ġermaniż

11 Id-Direttiva 2007/64 ġiet traposta fid-dritt Ġermaniż, b'mod partikolari, mill-Gesetz über die Beaufsichtigung von Zahlungsdiensten (il-Liġi dwar is-Sorveljanza tas-Servizzi ta' Ħlas) tal-25 ta' Ġunju 2009 (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar is-sorveljanza tas-servizzi ta' ħlas"). L-Artikolu 1(1) ta' din il-liġi jikklassifika bħala "fornituri ta' servizzi ta' ħlas" l-istabbilimenti ta' kreditu, l-istabbilimenti ta' flus elettroniċi, l-Istat Federali, il-Länder, il-komuni kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Federali Ġermaniż u l-banek ċentrali l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Skont il-punt 5 tal-imsemmi Artikolu 1(1), l-impriżi li, għalkemm ma jkunux inklużi fost dawn l-entitajiet, jipprovdu servizzi ta' ħlas professjonalment jew għal volum li jeżiġi l-eżistenza ta' impriża organizzata b'mod kummerċjali huma wkoll fornituri ta' servizzi ta' ħlas. Dawn l-impriżi huma kkunsidrati li huma "stabbilimenti ta' ħlas".

12 Skont l-Artikolu 1(10) tal-imsemmija liġi, attività li għaliha "flus kontanti huma pprovduti mill-benefiċjarju lil persuna li tħallas fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' ħlas, wara li tkun saret talba espliċita mill-utent ta' servizzi ta' ħlas eżatt qabel l-eżekuzzjoni tat-transazzjoni ta' ħlas permezz ta' ħlas għax-xiri ta' merkanzija jew ta' servizzi" ma tikkostitwixxix servizz ta' ħlas. L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 3(o) tad-Direttiva 2007/64 hija fformulata, barra minn hekk, fi kliem identiku għal dak tal-punt 14 tal-Artikolu 1(10), ta' din l-istess liġi.

13 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-liġi dwar is-sorveljanza tas-servizzi ta' ħlas, stabbiliment ta' ħlas għandu jikseb awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (l-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji, il-Ġermanja) sabiex ikun jista' joffri servizzi ta' ħlas fit-territorju Ġermaniż.

14 Skont l-Artikolu 31(1) ta' din il-liġi, kull min jipprovdi servizzi ta' ħlas mingħajr ma jkun kiseb l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 8(1) tagħha huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali.

15 L-Artikolu 73 tas-Strafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali) jipprevedi:

"1. Meta jkun twettaq att illegali u l-awtur jew il-kompliċi tiegħu jkun kiseb xi ħaġa għall-iskop li jitwettaq dan l-att jew permezz tiegħu, il-qorti għandha tordna l-konfiska tagħha, sakemm dan l-att ma jkunx ħoloq favur il-parti leża dritt li l-eżerċizzju tiegħu jirrevoka għall-awtur jew għall-kompliċi tiegħu l-valur ta' dak miksub minn dan l-att.

2. L-ordni ta' konfiska japplika wkoll għall-benefiċji miksuba. Huwa jista' japplika wkoll għall-oġġetti li l-awtur jew il-kompliċi jkun akkwista mit-trasferiment tal-oġġett miksub jew mis-sostituzzjoni sussegwentement għall-qerda tiegħu, għall-ħsara fuqu, għat-teħid ta' pussess jew minħabba dritt miksub".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 F. Rasool huwa l-amministratur ta' RE, li l-attività tagħha tikkonsisti fl-operat, fil-Ġermanja, ta' żewġ swali tal-logħob li għandhom magni tal-logħob. Sa tmiem is-sena 2012, RE qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-klijenti tas-swali tal-logħob distributuri multifunzjonali li jippermettulhom jibdlu karti tal-flus f'muniti kif ukoll li jirtiraw flus permezz tal-karta bankarja tagħhom u tal-Personal Identification Number (il-kodiċi PIN) relatat miegħu, maħruġa mill-bank tagħhom.

17 Il-ġestjoni tal-attivitajiet u tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn dawn id-distributuri kienu żgurati mill-kumpannija Telecash, bħala fornitriċi ta' servizzi esterni (iktar 'il quddiem l-"operatur tan-netwerk"). L-operatur tan-netwerk kien il-proprjetarju tad-distributuri multifunzjonali u kien jikrihom lil RE.

18 Sa Mejju 2011, il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tas-servizz ta' rtirar ta' flus kienu s-segwenti. L-operatur tan-netwerk, wara li jkun iddaħħal il-kodiċi PIN, jivverifika li l-kont bankarju tal-klijent ikollu fondi suffiċjenti u, jekk ikun il-każ, jippermetti l-irtirar tal-flus. L-operatur tan-netwerk kien jiżgura wkoll li RE tiġi rrimborsata kull darba għall-ammonti li jikkorrispondu għas-somom irtirati mill-klijenti. Min-naħa tagħha, RE ma kienet tirċievi l-ebda kumpens inkambju għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-distributuri multifunzjonali u kienet tħallas lill-operatur tan-netwerk ammont ta' EUR 0.13 għal kull tranżazzjoni kif ukoll remunerazzjoni fissa kull xahar ta' EUR 48. Fl-aħħar mill-aħħar, l-unika attività ta' RE kienet tikkonsisti fil-provvista ta' flus kontanti fid-distributuri multifunzjonali.

19 Minn Ġunju 2011, wara emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, u sabiex tkun tista' tkompli tipprovdi s-servizz ta' rtirar ta' flus mingħajr ma jkollha awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' ħlas, RE bidlet parzjalment il-modalitajiet ta' funzjonament tad-distributuri multifunzjonali installati fis-swali tal-logħob, b'tali mod li joffru għażla msejħa "cash back". Skont din il-modalità, il-klijenti ma setgħux iktar jirtiraw flus mid-distributuri multifunzjonali sakemm ma jordnawx, fl-istess ħin, voucher ta' EUR 20 li jippermettilhom idaħħlu muniti fil-magni tal-logħob. Dan l-ammont kien jiġi ddebitat mill-kontijiet tal-klijenti mill-bank tagħhom, flimkien mal-ammont irtirat fi flus.

20 Peress li kkunsidra li, anki permezz ta' din il-modalità ta' funzjonament, RE kellha tkun ikklassifikata bħala "stabbiliment ta' ħlas", suġġetta, għal dan il-għan, għal awtorizzazzjoni, l-iStaatsanwaltschaft Stuttgart (il-Prosekutur ta' Stuttgart, il-Ġermanja) ressaq proċedimenti kriminali fil-konfront ta' F. Rasool, bħala amministratur ta' RE, minħabba li pprovda servizzi ta' ħlas intenzjonalment u mingħajr awtorizzazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-liġi dwar is-sorveljanza tas-servizzi ta' ħlas. Fuq il-bażi tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Kriminali, din l-awtorità talbet il-konfiska tas-somom kollha akkreditati lil RE mid-diversi banek tal-klijenti li jkunu rtiraw il-flus. Dan l-ammont kien jammonta għal EUR 1 096 290. B'deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2015, il-qorti tar-rinviju, l-Amtsgericht Nürtingen (il-Qorti Distrettwali ta' Nürtingen, il-Ġermanja) ħelset lil F. Rasool, billi qieset li dan tal-aħħar ma kienx jipprovdi servizzi ta' ħlas, fis-sens tal-liġi dwar is-sorveljanza tas-servizzi ta' ħlas.

21 Il-Prosekutur ta' Stuttgart ippreżenta appell għal "Reviżjoni" minn din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Stuttgart, il-Ġermanja), li, permezz ta' sentenza tat-18 ta' Marzu 2016, annullat id-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Marzu 2015, mill-qorti tar-rinviju, minħabba b'mod partikolari li, għalkemm l-operat tad-distributuri multifunzjonali ma kienx l-attività prinċipali ta' RE, din tal-aħħar ma setgħetx tevita l-obbligu li tikseb awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 8(1) tal-liġi dwar is-sorveljanza tas-servizzi ta' ħlas. Il-kawża ntbagħtet għalhekk quddiem il-qorti tar-rinviju.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-qorti tqis, fl-ewwel lok, li l-attività eżerċitata minn RE taqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 3(o) tad-Direttiva 2007/64, b'mod partikolari minħabba li din il-kumpannija, minn naħa, ma kinitx "parti għall-kuntratt-qafas mal-klijent li jirtira l-flus minn kont ta' ħlas", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u ma kienet ikkonkludiet l-ebda kuntratt mal-banek tal-klijenti tagħha li jirtiraw l-flus mid-distributuri multifunzjonali. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija qorti tikkunsidra li l-ebda rekwiżit marbut mal-protezzjoni tal-konsumaturi ma jiġġustifika l-obbligu, għal RE, li tikseb awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' ħlas, peress li l-uniku intervent tagħha kien jikkonsisti fil-provvista ta' flus kontanti fid-distributuri multifunzjonali.

23 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, fi kwalunkwe każ, l-attività ta' RE taqa', wara li ddaħħlet is-sistema ta' cash back, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2007/64 u li, konsegwentement, din l-attività ma hijiex suġġetta għal awtorizzazzjoni.

24 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, dwar il-kwistjoni ta' jekk is-servizz offrut minn RE jistax jiġi kklassifikat bħala "servizz ta' ħlas", b'mod partikolari sa fejn l-attivitajiet ta' din il-kumpannija jippermettu, fis-sens tal-punt 2 tal-Anness tad-Direttiva 2007/64, l-irtirar ta' flus kontanti minn kont ta' ħlas.

25 F'dan ir-rigward, hija tikkonstata li, ċertament, il-provvista ta' flus kontanti fid-distributuri multifunzjonali, imwettqa minn RE, kienet toffri lill-klijenti tas-swali tal-logħob il-possibbiltà materjali li jirtiraw flus kontanti. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, il-fraži "li jippermettu", li tinsab fil-punt 2 tal-Anness tad-Direttiva 2007/64, ma tkoprix l-attivitajiet, bħal dawk eżerċitati f'dan il-każ minn RE, li huma ta' natura purament anċillari għas-servizzi ta' ħlas ipprovduti minn bank, jiġifieri dawk li jippermettu l-ftuħ ta' kont u t-twettiq ta' tranżazzjonijiet minnu permezz ta' karta bankarja, u minn kumpannija, bħall-operatur tan-netwerk, li tgħaqqad id-distributuri multifunzjonali mal-kontijiet bankarji tal-klijenti.

26 Min-naħa l-oħra, din il-qorti tistaqsi dwar jekk l-attività li RE hija kkritikata għaliha tistax tiġi kklassifikata bħala "servizz ta' ħlas", peress li hija kienet tikkonsisti f'servizz ipprovdut mingħajr ħlas lill-klijenti tas-swali tal-logħob. Fil-fatt, tali servizz mingħajr ħlas huwa ta' natura purament anċillari għall-attività prinċipali ta' RE, jiġifieri l-operat tas-swali tal-logħob, b'tali mod li ma jissodisfax il-kundizzjoni, prevista fil-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, li l-attività tal-fornitur għandha tkun eżerċitata professjonalment.

27 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-proċedura mibdija mill-Prosekutur ta' Stuttgart tiksirx il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-interventi mill-Istat fil-qasam tal-logħob tal-ażżard ma humiex iġġustifikati meta l-Istat Membru kkonċernat ma jsegwix politika sistematika u koerenti, li tindirizza rekwiżit imperattiv, bħall-protezzjoni tal-konsumatur. Barra minn hekk, dawn il-proċedimenti jkunu arbitrarji, sa fejn il-provvista illegali ta' servizz ta' rtirar ta' flus, bħal dak offrut minn RE, tkun rarament ħafna s-suġġett ta' proċedementi kriminali.

28 Fil-ħames u fl-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-Prosekutur ta' Stuttgart setax, fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali ggarantit mid-dritt tal-Unjoni, jitlob, fuq il-bażi tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Kriminali, il-konfiska tal-integralità tas-somom imħallsa lill-klijenti tas-swali tal-logħob permezz tad-distributuri multifunzjonali.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Nürtingen (il-Qorti Distrettwali ta' Nürtingen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 3(o) tad-[Direttiva 2007/64] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-possibbiltà offerta f'sala tal-logħob, li għandha konċessjoni maħruġa mill-Istat, li jitwettaq irtirar ta' flus kontanti minn distributur ta' flus, li jwettaq ukoll kambju ta' flus, permezz ta' karta [tal-bank] u ta' kodiċi PIN, fejn l-ipproċessar tekniku marbut mal-kont bankarju jitwettaq minn persuna esterna li tipprovi servizzi [bħall-operatur tan-netwerk,] u fejn il-ħlas lill-klijenti jitwettaq meta l-operatur tan-netwerk jibgħat

kodiċi ta' awtorizzazzjoni lid-distributur ta' flus wara li jkun ivverifika li l-kont ikollu l-fondi, filwaqt li l-operatur tas-sala tal-logħob sempliċement jipprovdi lill-magna ta' kambju ta' flus multifunzjonali bi flus kontanti filwaqt li jirċievi kreditu mill-bank tal-klijent li jkun ġibed il-flus sal-ammont ta' flus li jkun inġibed, tikkostitwixxi attività fis-sens tal-Artikolu 3(o) tad-Direttiva u għalhekk ma hijiex suġġetta għal awtorizzazzjoni?

2. Jekk l-attività deskritta fl-ewwel domanda ma titqiesx bħala li tikkostitwixxi attività fis-sens tal-Artikolu 3(o) [tad-Direttiva 2007/64]:

   L-Artikolu 3(e) tad-[Direttiva 2007/64] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-possibbiltà deskritta fl-ewwel domanda dwar l-irtirar ta' flus kontanti permezz ta' kodiċi PIN hija attività fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta, flimkien mal-irtirar ta' flus kontanti, jinħoloq voucher ta' EUR 20, li għandu jissarraf mingħand il-persuna responsabbli mis-sorveljanza tas-sala tal-logħob, sabiex din tal-aħħar iddaħħal il-muniti f'magna tal-logħob?

   Fl-ipoteżi li l-attività deskritta fl-ewwel u fit-tieni domandi ma titqiesx bħala li tikkostitwixxi attività eskluża mill-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva abbażi tal-Artikolu 3(o) u/jew (e):

3. a) Il-punt 2 tal-Anness tad-[Direttiva 2007/64] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività tal-operatur tas-sala tal-logħob, deskritta fl-ewwel u fit-tieni domandi, hija servizz ta' ħlas suġġett għal awtorizzazzjoni, minkejja li l-operatur tas-sala tal-logħob ma jiġġestixxi ebda kont tal-klijent li jirtira l-flus?

3. b) Il-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-[Direttiva 2007/64] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività tal-operatur tas-sala tal-logħob, deskritta fl-ewwel u fit-tieni domandi, hija servizz ta' ħlas li jaqa' taħt din id-dispożizzjoni, meta l-operatur tas-sala tal-logħob jipprovdi dan is-servizz mingħajr ħlas?

Fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din l-attività hija servizz ta' ħlas suġġett għal awtorizzazzjoni:

4. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u tad-Direttiva [2007/64] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, f'każ li jkollu l-karatteristiċi partikolari tal-każ ineżami, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fuq l-operazzjoni ta' distributur [multifunzjonali] ta' flus kontanti […] jekk id-distributuri […] tal-istess tip kienu jew huma operati mingħajr awtorizzazzjoni f'diversi swali tal-logħob li għandhom konċessjoni maħruġa mill-Istat kif ukoll f'każinos li għandhom konċessjoni maħruġa mill-Istat u huma parzjalment operati wkoll mill-Istat u jekk l-awtorità ta' awtorizzazzjoni u ta' sorveljanza kompetenti ma tqajjimx oġġezzjonijiet?

Fl-ipoteżi li r-raba' domanda tingħata wkoll risposta negattiva:

5. Id-Direttiva [2007/64] u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' ċertezza legali u ta' ċarezza legali, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'każ li jkollu l-karatteristiċi partikolari tal-każ ineżami, jipprekludu prassi amministrattiva u ġuridika li timponi li dawk l-ammonti ta' flus li l-operatur tas-sala tal-logħob kien irċieva, minħabba l-provvista ta' servizz ta' ħlas mill-operatur tan-netwerk, mingħand klijenti tal-bank, meta dawn il-klijenti tal-bank kienu rtiraw b'karta [tal-bank] u b'kodiċi PIN il-flus kontanti u/jew vouchers pprovduti minnu stess sabiex jilagħbu mal-magni tal-logħob, jinqabdu mit-Teżor pubbliku ("konfiska"), minkejja li l-ammonti kollha kkreditati jikkorrispondu biss ma' dawk l-ammonti rtirati mill-klijenti minn distributuri tal-flus fi flus kontanti u vouchers għal-logħob?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tielet domanda

30 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, moqri flimkien mal-punt 2 tal-Anness tagħha, għandux jiġi interpretat fis-sens li servizz ta' rtirar ta' flus kontanti, offrut minn operatur ta' swali tal-logħob lill-klijenti tiegħu permezz ta' distributuri multifunzjonali installati fl-imsemmija swali, jikkostitwixxix "servizz ta' ħlas", fis-sens tad-direttiva, meta l-operatur jipprovdi dan is-servizz mingħajr ħlas, meta huwa ma jwettaq l-ebda tranżazzjoni fil-kontijiet ta' ħlas tal-imsemmija klijenti u meta l-attivitajiet li huwa jeżerċita f'din l-okkażjoni jkunu limitati għat-tqegħid għad-dispożizzjoni kif ukoll għall-provvista ta' flus kontanti f'dawn id-distributuri.

31 F'dan ir-rigward, il-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, moqri flimkien mal-punt 2 tal-anness tagħha, jikklassifika bħala "servizz ta' ħlas" attività eżerċitata b'mod professjonali li tippermetti l-irtirar tal-flus kontanti minn kont ta' ħlas kif ukoll it-tranżazzjonijiet kollha li jeżiġu l-operat ta' kont ta' ħlas.

32 F'dan il-każ, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi stabbilit jekk is-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxix jew le, minħabba l-preżunta natura gratwita tiegħu, attività eżerċitata minn RE b'mod professjonali, għandu jiġi rrilevat li, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, din il-kumpannija kienet sempliċement kriet u installat fis-swali tal-logħob tagħha d-distributuri multifunzjonali, kif ukoll kienet twettaq il-provvista tagħhom bil-flus kontanti.

33 Issa, jekk dawn l-atti kienu jikkostitwixxu formalitajiet preliminari u marbuta mat-tranżazzjonijiet imwettqa fuq il-kontijiet ta' ħlas tal-klijenti tas-swali tal-logħob, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-imsemmija tranżazzjonijiet twettqu minn fornitur estern, jiġifieri mill-operatur tan-netwerk. Fil-fatt, huwa dan tal-aħħar li kien jieħu ħsieb il-konnessjoni bejn id-distributuri multifunzjonali u l-kont bankarju ta' dawn il-klijenti, permezz ta' rikonoxximent tal-karta bankarja tagħhom u l-kodiċi PIN tagħhom, li jirrendi għalhekk possibbli l-irtirar ta' flus kontanti.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi deċiż li servizz, bħal dak offrut minn RE permezz ta' distributuri multifunzjali, kien jippermetti l-"ġbid ta' flus kontanti minn kont tal-ħlas", fis-sens tal-punt 2 tal-Anness tad-Direttiva 2007/64. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda informazzjoni li turi li din il-kumpannija kienet twettaq, għal dan is-servizz, "l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għat-tħaddim ta' kont ta' ħlas", fis-sens tal-istess dispożizzjoni.

35 Din il-kunsiderazzjoni hija kkorroborata, fl-ewwel lok, minn interpretazzjoni tal-kuntest li fih huwa inkluż il-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64 kif ukoll mill-punt 2 tal-anness tagħha.

36 Fil-fatt, mill-premessa 6 ta' din id-direttiva jirriżulta li din ma twettaqx armonizzazzjoni sħiħa fil-qasam tas-servizzi ta' ħlas. Għalhekk, skont din il-premessa, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2007/64 għandha tkun limitata għal fornituri tas-servizz ta' ħlas li "l-attività ewlenija" tagħhom tikkonsisti fil-provvista tas-servizzi ta' ħlas lill-utenti ta' dawn is-servizzi.

37 Issa, bla ħsara għall-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju f'dan ir-rigward, mill-atti tal-proċess ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-attività prinċipali ta' RE kienet l-operat ta' swali tal-logħob u li, f'dan il-kuntest, it-tranżazzjonijiet relatati mad-distributuri multifunzjonali kienu jikkostitwixxu servizz purament anċillari għall-imsemmija attività.

38 Fit-tieni lok, peress li RE ma kienet twettaq l-ebda tranżazzjoni relatata mal-kontijiet tal-klijenti tas-swali tal-logħob, rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-konsumatur, bħala destinatarju tas-servizzi ta' ħlas, kif jirriżulta mill-premessi 20, 22, 26, 36 u 54 tad-Direttiva 2007/64, ma jiġġustifikawx il-klassifikazzjoni bħala "servizz ta' ħlas", fis-sens ta' din id-direttiva, ta' servizz ta' rtirar ta' flus kontanti, bħal dak offrut minn RE.

39 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, moqri flimkien mal-punt 2 tal-Anness tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li servizz ta' rtirar ta' flus kontanti, offrut minn operatur ta' swali tal-logħob lill-klijenti tiegħu permezz ta' distributuri multifunzjonali installati fl-imsemmija swali, ma jikkostitwixxix "servizz ta' ħlas", fis-sens ta' din id-direttiva, meta l-operatur ma jwettaq l-ebda tranżazzjoni fuq il-kontijiet ta' ħlas tal-imsemmija klijenti u meta l-attivitajiet li huwa jeżerċita f'dan ir-rigward huma limitati għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn id-distributuri kif ukoll għall-provvista tagħhom bil-flus kontanti.

Fuq l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames domanda

40 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tielet domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel, għat-tieni, għar-raba' u għall-ħames domanda preliminari.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, moqri flimkien mal-punt 2 tal-Anness tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li servizz ta' rtirar ta' flus kontanti, offrut minn operatur ta' swali tal-logħob lill-klijenti tiegħu permezz ta' distributuri multifunzjonali installati fl-imsemmija swali, ma jikkostitwixxix "servizz ta' ħlas", fis-sens ta' din id-direttiva, meta l-operatur ma jwettaq l-ebda tranżazzjoni fuq il-kontijiet ta' ħlas tal-imsemmija klijenti u meta l-attivitajiet li huwa jeżerċita f'dan ir-rigward huma limitati għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn id-distributuri kif ukoll għall-provvista tagħhom bil-flus kontanti.

Firem